*- LIBELL -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 1311/98/RCP**

**Av Dr Andrew Borg Cardona**

**vs**

1. **Dr Joseph S Abela u**
2. **Noel Grima**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut Joseph S. Abela huwa l-awtur ta' artikolu bl-isem ***For sale: Malta's Patrimony at Chambray*** ippublikat fil-harga tal-Hadd 7 ta' Gunju 1998, fir-rivista *"First Sunday"*

liema rivista hija ppublikata mal-gazzetta *The Malta Independent on Sunday* li taghha l-konvenut Noel Grima huwa l-Editur, kif jidher minn kopja tieghu ezebita *animo ritirandi* bhala Dok A;

Illi ukoll fl-artiklu citat hemm miktub:

*"With Andrew Borg Cardona, for example they had a hand in buying the new Malta House in London and then re-selling it to the Malta Government. The latter along with Mr Charles Demicoli, Dr Austin Bencini (lawyer of the Times) and Mr Max Ganado were involved in companies that were formed as off-shoots to help (fellow-lawyer) Memmo with the Chambray project".*

Illi l-attur ma kien ha ebda parti f'xi bejgh jew xiri ta' *Malta House*, liema bejgh u xiri fi kwalunkwe kaz ma sarx kif jigi spjegat waqt is-smiegh u peress illi l-attur fl-ebda hin ma kellu xi inkontru ma' jew b'mod iehor ikkordina jew ha parti f'xi skema jew arrangament biex jigi agevolat l-imsemmi avukat Memmo, ukoll kif jigi spjegat waqt is-smiegh, l-artiklu ccitat hu ngurjuz, libelluz u malafamanti ghar-reputazzjoni tal-attur personalment u bhala avukat u jikkawzalu danni, in kwantu fost affarijiet ohra, jattribwilu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni tieghu u bl-iskop li jwaqqghu ghad-disprezz tal-pubbliku.

Illi konsegwentement l-attur bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni taht il-**Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti flimkien jew min minnhom immalafamaw lill-attur bl-artiklu bl-isem **For sale: Malta's Patrimony at Chambray.**

2. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti flimkien jew min minnhom ihallsu lill-attur, dawk id-danni li jigu likwidati minn dina l-Qorti ghal dan l-iskop a' tenur tal-**artikolu 28(1) Kap 248**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 48 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Grima a fol. 53 tal-process, fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

2. Illi meta l-eccipjent gie mahtur editur minflok Ray Bugeja, il-gazzetta kienet diga` stampata. L-eccipjent, f'dawk ic-cirkostanzi eccezzjonali meta sar editur, ma kienx f'posizzjoni li jara l-gazzetta qabel ma giet distribwita.

3. Bla pregudizzju ghal din l-eccezzjoni, il-kitba meritu tal-kawza *(book review)* mhix tali li taghti lok ghal azzjoni ta' libell. Fil-kitba jinghad espressament aktar minn darba illi dak li qed jinghad huwa '*always according to Mr Muscat'*.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 54 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph S Abela a fol. 55 tal-process, fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

2. Illi l-kitba meritu tal-kawza *(book review)* mhix tali li taghti lok ghal azzjoni ta' libell. Fil-kitba jinghad espressament aktar minn darba illi dak li qed jinghad huwa *"always according to Mr Muscat".*

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 56 tal-process.

Rat il-verbali tat-2 ta' Frar 1999 u tal-1 ta' Marzu 1999.

Rat in-nota tal-attur tal-5 ta' Ottubru 1999 fejn esebixxa l-affidavit tieghu a fol. 61 u 62 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Ottubru 1999 fejn Dr Borg Cardona iddikjara li m'ghandux aktar provi bil-procedura tal-affidavit u tas-6 ta' Marzu 2000 fejn xehed Dr Austin Bencini.

Rat in-nota tal-attur tal-20 ta' Marzu 2000 fejn ipprezenta affidavit ulterjuri tieghu stess (fol. 74 sa 75).

Rat il-verbali tal-5 ta' Mejju 2000; tas-6 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta; tal-15 ta' Novembru 2000; tat-13 ta' Marzu 2001 fejn Dr Borg Cardona ipprezenta nota b'dokumenti u ddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-30 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti iddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2001 bil-fakolta lill-attur li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fi tletin jum bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin jum biex jirrispondi.

Rat in-nota tal-attur tat-23 ta' Lulju 2001 u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tat-12 ta' Gunju 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Lulju 2001 (fol.110) ir-risposta tal-attur tad-9 ta' Awissu 2001 (fol. 113) u d-digriet

tal-Qorti tas-27 ta' Awissu 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, b'dan li l-konvenuti jressqu l-provi kollha bl-affidavit fi zmien tletin (30) jum u halliet il-kawza ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti ghat-2 ta' Ottubru 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenuti tal-31 ta' Awissu 2001 u d-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Settembru 2001 fejn il-Qorti rrifferiet ghad-digriet taghha stess tas-27 ta' Awissu 2001 liema digriet ordnat li ghandu jkun osservat skrupolozament.

Rat in-nota tal-konvenuti tas-27 ta' Settembru 2001 fejn permezz taghha gew esebiti zewg affidavits (fol. 119 u 120 tal-process).

Rat il-verbal tat-2 ta' Ottubru 2001 fejn Dr Tonio Azzopardi iddikjara li m'ghandux provi aktar u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-24 ta' Ottubru 2001.

Rat il-verbal tal-24 ta' Ottubru 2001 fejn Dr Andrew Borg Cardona ddikjara li m'ghandux kontro-ezamijiet x'jaghmel u li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza, filwaqt li l-konvenuti u d-difensur taghhom Dr. Tonio Azzopardi ghalkemm imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Andrew Borg Cardona tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PRINCIPLJI LEGALI.

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Marin Hili vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. 3 ta' Dicembru 1998), **"Ernest Tonna vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1755/97/RCP. – P.A. 21 ta' April 1999) **u "Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (Citaz. Numru 1739/98/RCP- P.A. l-1 ta' Lulju 1999.)**, u "Rev. Joseph Borg vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1840/97/RPC- **P.A.** 14 ta' Ottubru 1999), **u wkoll "Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta` ta' espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza*

*tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Ineffetti fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996.) li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda illum stabbilita fil-giurisprudenza taghna.

*"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **(Reginald Miller vs Harold Scory -**XXXVI.IV.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* ("**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** Vol.XI.IV.1195; **"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** JSP. 929/90/JSP. 3 ta' Ottubru 1991).

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu il-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-

artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati**. ("Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine".** A.C. 8 ta' Gunju 1999).

Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "*innuendo"* li fil-kawza "**G. Strickland vs Goffredo Chretien".** ( A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859.) giet imfissra hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".*

Fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Olivieru Munroe". (**XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*"F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' ikun ta' zewg xorta jigifieri:*

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li*

*jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej"* **("Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et."** P.A.H. 28 ta' Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li jigi innotat dak li intqal fis-sentenza **"Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus"** (A.C. 4 ta' Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikolu saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna iridu jiehdu il-konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, stante li illum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47 (7)** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f'dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi fil-kawza **"Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et"** (A.C. 8 ta' Novembru 1995**)** intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *"il-margini ta' tollerenza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja", "dan li il-Qorti ghandha tippermetti l'atitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza*

*permessibbli f'socjeta' demokratika", u* tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija indirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta` pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi "**John Zammit vs Felix Agius**" (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-15 ta' Marzu 2001, kif ukoll f' "**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 122/99/RCP), "**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et"** (Cit Nru 123/99/RCP), "**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 129/99/RCP) u "**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima"** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-3 ta' Ottubru 2000.

**B. PROVI PRODOTTI DWAR IL-KAZ.**

Illi din il-kawza titratta dwar artikolu li l-konvenut Joseph S. Abela kiteb intitolat ***"For sale: Malta's Patrimony at Chambray"*** w ippublikat fil-harga tal-Hadd 7 ta' Gunju 1998, fir-rivista *"First Sunday"* liema rivista hija ppublikata mal-gazzetta *The Malta Independent on Sunday* li taghha l-konvenut Noel Grima huwa l-Editur, kif jidher minn kopja tieghu ezebita *animo ritirandi* bhala Dok A;

Illi f'dan l-artiklu citat hemm miktub *inter alia* li:

*"With Andrew Borg Cardona, for example they had a hand in buying the new Malta House in London and then re-selling it to the Malta Government. The latter along with Mr Charles Demicoli, Dr Austin Bencini (lawyer of the Times) and Mr Max Ganado were involved in companies that were formed as off-shoots to help (fellow-lawyer) Memmo with the Chambray project".*

Illi **l-attur** hassu malafamat bl-istess artikolu stante li kif isostni fl-affidavit tieghu datat 5 ta' Ottubru 1999, dwar l-ewwel parti tal-istess artikolu huwa jafferma b'mod kategoriku li qatt ma kien involut la professjonalment u lanqas individwalment mal-allegat xiri ta' *"Malta House"* mill-Gvern ta' Malta, tant li huwa jzid li bhala fatt huwa kien involut bhala konsulent tas-socjeta` Malpro Limited, iffurmata bejn il-Gvern ta' Malta u l-Air Malta Co. Limited, illum plc, bil-hsieb li din tikri l-proprjeta` f'Londra maghrufa bhala *"Malta House"* minghand il-Gvern Ingliz, u fuq pariri ta' konsulenti Inglizi giet iffurmata socjeta` ohra *"Malpro Two Company Limited",* li s-sehemijiet taghha kienu kollha tal-Air Malta Company Limited u sehem wiehed f'isem Richard Cachia Caruana, dak iz-zmien direttur tal-istess socjeta` l-ahhar imsemmija, liema socjeta` kellha l-indirizz registrat taghha f'170 Main Street, Lija, l-ufficcju legali tal-attur.

Illi bhala fatt l-istess attur isostni li l-istess zewg kumpaniji qatt ma xtraw l-istess proprjeta` f'Londra u qatt ma inxtrat mill-Gvern Malti, u ghalhekk qatt ma kien involut b'xi mod

fil-bejgh tal-istess immobbli, tant li l-istess proprjeta\` jirrizulta li baqghet proprjeta\` tal-*Crown Estate.* Dan setgha jigi verifikat kemm mill-adebiti ricerki, kif wkoll kieku sar kuntatt mieghu.

Illi dwar it-tieni parti tal-istess artikolu fejn hemm allegat li huwa flimkien ma Charles Demicoli, Dr. Austin Bencini, u Dr. Max Ganado, kienu iffurmaw kumpaniji sabiex jghinu lill-avukat Memmo fil-progett ta' Chambray, l-istess attur isostni li dan kollu huwa inveritier, peress li huwa kellu biss kumpanija rregistrata f'ismu, li fiha l-avukat Dr. Austin Bencini kellu sehem wiehed ghas-soliti ragunijiet legali, liema socjeta\` giet trasferita lill-Charles Demicoli, u li huwa *per se* qatt ma ha parti attiva fil-gestjoni taghha.

Illi kompla li huwa mal-istess persuni, partikolarment Dr. Austin Bencini u Dr. Max Ganado, li huma hbieb tieghu, u hemm identifikati fl-artikolu, qatt ma tkellem dwar il-progett ta' Chambray, la bhala grupp u lanqas individwalment u huwa qatt ma kellu konnessjonijiet mal-istess progett la personalment u lanqas professjonalment, hlief, li s-socjeta\` li eventwalment trasferixxa lil Charles Demicoli giet utilizzata minn dan ta' l-ahhar in konnessjoni mal-istess progett.

Illi dwar l-avukat Memmo, l-attur stqarr li ma kienx jafu u lanqas iltaqa' mieghu u ghalhekk bl-ebda mod ma kien involut *"f'intricci, manuvri, arrangamenti jew affarijiet simili rigward dan il-progett, la biex nagevola lil Memmo (li qatt*

*ma kelli l-icken kuntatt mieghu) jew lil hadd iehor u l-unika konnessjoni minima tieghi setghet kienet biss il-kumpanija li semmejt illi kienet gja giet trasferita lis-Sur Demicoli fiz-zmien materjali".*

Illi fl-affidavit tieghu tal-20 ta' Marzu 2000 l-istess attur esebixxa artikolu iehor tar-rivista *"Gallerija"* li wkoll tohrog mal-gazzetta *Malta Independent on Sunday* dwar artikolu ta' Marie Benoit fuq il-ktieb ta' Joseph Muscat *"Roberto Memmo L-iskandlu Chambray".* Permezz ta' nota datata 13 ta' Marzu 2001 l-istess attur esebixxa kopji tal-Memorandum of Articles of Association ta' Malpro Limited u Malprotwo Limited, u l-komposizzjoni tas-*shareholders* tal-istess socjetajiet skond *download* mir-Registratur tal-Kumpaniji minn fol. 81 sa fol. 101 tal-process; b'nota tat-23 ta' Lulju 2001 esebixxa dokument mir-Registratur tal-Istampa datat 19 ta' Lulju 2001 (Dok. "XX") li jindika li Fr. Emmanuel (sive Noel) Grima fis-7 ta' Gunju 1998 kien editur tal-gazzetta *The Malta Independent on Sunday*.

Illi **Dr. Austin Bencini LL.D.** min-naha tieghu xehed fis-6 ta' Marzu 2000 li wkoll cahad li huwa kellu x'jaqsam mat-trasferiment ta' *"Malta House"* Londra; kellu biss *share* nominali fil-kumpanija Lindman Limited li fiha l-attur kellu *shares* nominali. Huwa ma ghamilx kawza ta' libell peress li sar jaf li l-attur kien fetah kawza hu. Din il-kumpanija kienet giet trasferita lil Charles Demicoli, skond kif informah l-attur. Dwar l-avukat Memmo sostna li ma kienx jafu u lanqas biss qatt iltaqa' mieghu, u ma kellu ebda

konnessjoni mieghu la dwar il-progett ta' Chambray u lanqas fuq affarijiet ohra. Lill-persuni indikati fl-istess bran tal-artikolu inkriminanti, ghalkemm jafhom, qatt ma kien involut maghom la fix-xiri jew bejgh ta' *Malta House,* u lanqas mal-progett ta' Chambray, Ghawdex.

Illi **Fr. Noel Grima** fl-affidavit tieghu tas-26 ta' Settembru 2001 sostna li huwa gie offrut il-kariga ta' Editur is-Sibt, wara li l-Bord Tad-Diretturi ta' Standard Publications Limited kienu iddecidew li jkeccu lil Ray Bugeja minn editur minhabba l-artikli li kienu inkitbu fuq il-hajja privata ta' Dr. Alfred Sant, u skond l-istess xhud dan kien rilevanti peress li l-magazin "First Sunday", li fih gie ppublikat l-artikolu in kwistjoni, kien gja tlesta l-Gimgha wara nofs in-nhar u qabel ma dahal huwa bhala editur, u lanqas biss rah, hlief il-gimgha ta' wara, ghalkemm ammetta li huwa legalment responsabbli ghall-kontenut tieghu.

Illi dwar l-artikolu innifsu miktub mill-konvenut l-iehor sostna:-

*"Nirrejalizza wkoll li l-kittieb Joseph S. Abela fir-"review" li ghamel tal-ktieb ta' Joe Muscat dwar Memmo, wasal ghal certi konkluzjonijiet li lanqas jidhirli li huma fil-ktieb stess. Bhala tali, dawn l-affermazzjonijiet, kemm fuq Richard Cachia Caruana kif ukoll fuq Dr. Andrew Borg Cardona huma infondati fil-fatt. Jiddispjacini li f'magazin li hareg taht ir-responsabilita` tieghi kien hemm dawn l-affermazzjonijiet u nitlob skuza lill-attur".*

Illi l-konvenut l-iehor **Joseph S. Abela** fl-affidavit tieghu tal-25 ta' Settembru 2001 sostna li bhala awtur tal-istess artikolu mertu tal-kawza odjerna u ppublikat kif premess stqarr li:-

*"Qatt ma kelli l-ebda intenzjoni kemm bil-hsieb u bl-ghemil biex fl-artikolu ccitat ningurja, nillibella u nimmalafama ghar-reputazzjoni tal-attur personalment u bhala avukat u nikkawzalu xi forma ta' danni jew nattribwilu fatti kif qed jallega bl-iskop li joffendi l-unur u r-reputazzjoni u li nwaqqghu ghad-disprezz tal-pubbliku. L-artikolu fil-hsieb tieghu kien jirrifletti biss rivista ta' ktieb **ROBERTO MEMMO L-ISKANDLU TA' CHAMBRAY ta' JOSEPH MUSCAT** li diga kien ippublikat*".

## C. APPLIKAZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta mill-provi prodotti u mill-istess affidavits tal-konvenuti, li l-fatti allegati kontra l-attur kienu inveritieri u ghaldaqstant dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ingurjuzi ghall-ahhar ghaliex proprju jindikaw li l-attur anke fil-kwalita` professjonali tieghu ta' avukat u konsulent, kien involut f'maniggi, intricci u manuvri sabiex juza' l-posizzjoni u l-konnessjoni tieghu, anke bhala professjonalista u avukat sabiex jigi facilitat b'xi mod l-istess Avukat Memmo in konnessjoni mal-progett ta' Chambray, liema

allegazzjonijiet fl-isfond tal-artikolu kollu miktub mill-konvenut Joseph S. Abela bhala kumment fuq il-ktieb *"Memmo L-iskandlu ta' Chambray"* miktub minn Joseph Muscat, jesprimu certi dubji serji b'diversi insinwazzjonijiet fuq dak li l-istess awtur tal-artikolu, li l-konvenut Joseph S. Abela jsejjah anke fil-konfront tal-attur bhala:-

*"The web of intrigue like an 'old boys' system saw companies being subcontracted – and almost all of them involved were PN faithful. The name of Richard Cachia Caruana figures prominently as one who in partnership with a number of people close to the PN undertook various projects. With Andrew Borg Cardona, for example they had a hand in buying the new Malta House in London and then re-selling it to the Malta Government. The latter along with Mr Charles Demicoli, Dr Austin Bencini (lawyer of the Times) and Mr Max Ganado were involved in companies that were formed as off-shoots to help (fellow-lawyer) Memmo with the Chambray project".*

Illi dan mehud fl-isfond tal-artikolu kollu w tal-insinwazzjonijiet kollha li hemm fih dwar kif allegatament gie maniggjat il-progett ta' Chambray, b'diversi nies imsemmija, huwa ovvju li l-inkluzjoni tal-attur, flimkien ma' persuni f'din l-isfera, jaggravaw is-sitwazzjoni tal-attur, b'mod li l-istess artikolu jindika *inter alia* lill-attur bhala involut f'dawn l-intricci u maniggi u dan fl-isfera professjonali tieghu bhala avukat prattikanti u konsulent.

Illi huwa veru li l-istess konvenut qed jallega li kull m'ghamel kien kummentarju tal-ktieb fuq imsemmi, pero` jidher car li l-artikolista gibed certu konkluzjonijiet li ghamilhom tieghu, apparti l-fatt li ma hemm ebda dubju li l-artikolu huwa miktub mill-istess konvenut Joseph S. Abela, u kull kumment u konkluzjoni li huwa jallega li silet mill-istess ktieb, xorta jrendu l-istess rapport xoghol tal-istess konvenut, u fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li dan gie prezentat bhala tali; dan apparti l-fatt li l-konvenut l-iehor Father Noel Grima fl-affidavit tieghu tas-26 ta' Settembru 2001 jmur anke oltre minn hekk u jsostni li:-

*"Nirrejalizza wkoll li l-kittieb Joseph S. Abela fir-'review' li ghamel tal-ktieb ta' Joe Muscat dwar Memmo wasal ghal certi konkluzjonijiet li lanqas jidhirli li huma fil-ktieb stess. Bhala tali, dawn l-affermazzjonijiet, kemm fuq Richard Cachia Caruana, kif ukoll fuq Dr. Andrew Borg Cardona huma infondati fil-fatt".*

Illi infatti fis-sentenza **"Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Lulju 1999) inghad:-

*"Illi l-konvenut gab bhala skuzanti l-fatt li l-kontenut ta' l-artiklu in kwistjoni gie mehud minn informazzjoni ppubblikata f' gurnal iehor; u li disdetta tal-fatt allegat giet ippubblikata ftit granet wara. Illi pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-fatt li l-kontenut tal-artiklu gie mehud minn*

*informazzjoni f' gurnal iehor mhux talli mhiex skuzanti izda hija prova ta' nuqqas ta' gurnalizmu serju u professjonali".*

Illi huwa opportun li jigi ccarat li anke jekk l-istess kittieb tal-artikolu rekriminat qed isostni li huwa qatt ma kellu intenzjoni li jimmalafama lill-istess attur, jekk mill-fatti kif minnu prezentanti fl-istess kitba jirrizulta li huwa qed jaghmel allegazzjonijiet ta' fatt fuq l-attur, liema allegazzjonijiet ta' agir da parte tal-attur jirrizultaw li ma humiex veri, u li l-istess fatti attribwiti lill-istess attur huma dannuzi ghall-karattru u reputazzjoni tieghu, iktar u iktar f'dan il-kaz, meta l-istess konvenut irrefera ghall-operat tal-attur fil-kwalita` professjonali tieghu, mela allura l-intenzjoni li timmalafama tirrizulta pruvata mill-artikolu nnifsu.

Illi dan qed jinghad ghaliex il-fatt allegat mill-konvenut fil-konfront tal-attur huwa fih innifsu dispreggattiv, u kkunsidrat fuq l-ezami abbazi ta' x'tifhem persuna ragonevoli li taqra l-istess artikolu, kemm rigwardanti il-brani ndkati mill-attur, mehudin wahedhom u anke fl-isfond tal-artikolu fl-istat intier tieghu, ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni tal-Qorti, li l-qarrej ma jistax ma jasalx ghall-konkluzjoni li l-attur fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu mexa hazin u abbuza mill-istess, allegazzjonijiet li fl-ahhar mill-ahhar mhux biss ma gewx ippruvati, izda sahansitra llum, wara iktar minn tlett snin milli gie ppublikat l-artikolu, huwa ammess mill-konvenuti li tali fatti allegati kienu bla bazi.

Illi dan huwa kkonfermat f'dak li inghad fis-sentenza **"Patrick Calleja vs Charles Demicoli"** (P.A. RCP. 7 ta' Dicembru 2000) fejn gie affermat il-principju konsistenti ma' dak li nghad iktar il-fuq li :-

*"The law looks at the tendency and the consequences of the publication, not at the intention of the publisher, if he has published words which have in fact injured the plaintiff's reputation he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act"* **(*Odgers - The Law of Libel and Slander, 6K Ed. P.97)* ("Edgar Bonnici Cachia vs L-avukat Dr. Michael Frendo" -** P.A. F. 27 ta' April 1989 - LXXIII. Iii. 792 **).**

Illi apparti dan id-difiza tal-istess konvenut Joseph S. Abela li huwa biss irrepeta dak li kien hemm fil-ktieb apparti li ma hijiex sostanzjata, anzi tidher li hija kontradetta mill-konvenut l-iehor stess, din ma hija l-ebda difiza stante li l-**artikolu 24 tal-Kap 248** jipprovdi esplicitament li:-

*"Ebda wahda mill-persuni msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan* (f'dan il-kaz, l-awtur u l-editur) *ma tista' tipprova, b'difiza taghha, li l-kitba hija kopja, jew astratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba ohra li diga` giet stampata jew pubblikata xort'ohra".*

Illi fil-konfront tal-konvenut l-iehor xejn ma josta li huwa sostna li ma qarax l-istess artikolu, anzi li addirittura li huwa assuma r-responsabilita` ta' editur tal-istess rivista u

magazin, wara li l-artikolu kien gja lest ghall-publikazzjoni, ghalkemm kien editur fid-data meta effettivament kien ippubblikat fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-editur jibqa' legalment responsabbli ghall-istess artikolu, tant li tant huwa fil-fatt ammess mill-affidavit tieghu, fejn anke talab skuza lill-attur ghall-istess.

Illi pero` din il-Qorti tinnota li din l-iskuza saret iktar minn tlett (3) snin wara il-pubblikazzjoni tal-istess artikolu, fl-atti ta' din il-procedura, u ma jirrizultax mill-provi li l-istess editur ghamel xi haga, anke fl-istess pubblikazzjonijiet imsemmija sabiex jirranga jew jikorregi dak li llum qed jammetti li ma kienux fatti veri fil-konfront tal-attur u li jikkostitwixxu malafama fil-konfront tal-istess. Anzi fl-eccezzjonijiet tieghu datati 9 ta' Novembru 1998, meta prezumibilment, anzi logikament, il-Qorti tifhem li l-istess konvenut kien allura qara l-istess artikolu, huwa kien ghadu qed isostni li *"il-kitba meritu tal-kawza (book review) mhix tali li taghti lok ghal azzjoni ta' libell. Fil-kitba jinghad espressament aktar minn darba illi dak li qed jinghad huwa "always according to Mr. Muscat".* Illi ghalhekk f'dan il-kuntest din l-Qorti ma tistax taccetta l-eccezzjonijiet u d-difiza tal-konvenut Fr. Noel Grima, u certament li lanqas taccetta li x-xhieda minnu moghtija taghti lok ghal xi tnaqqis fil-gravita` tal-atti malafamanti kompjuti u ppubblikati mill-konvenuti rispettivament fil-konfront tal-attur.

Illi dan iktar u iktar meta huwa kkunsidrat li r-reputazzjoni tal-persuna, hija min hija, iktar u iktar fl-agir professjonali

taghha, li anke bhala dan il-kaz ta' avukat u konsulent, tissoggettah hija nnfisha ghar-regoli gholjin ta' imgieba u integrita`, lejalta` u serjeta` fix-xoghol tieghu, hija wahda mill-aktar oggetti gheziez ghall-bniedem, flimkien mas-sahha u il-familja, u ghalhekk attakk fuq ir-reputazzjoni ta' persuna fil-kuntest tal-agir taghha professjonali, ibbazat fuq allegazzjonijiet kompletament bla bazi, ghandhom u qed jigu kkunsidrati bhala lanjanzi serjissimi, u dan stante li l-effett taghhom dejjem ikun ta' dannu ghal persuna malafamata, li mhux facli jista' jigi addrezzat, anke ghaliex jista' jkun facli li tghid xi haga fuq xi hadd, imma huwa dejjem iktar difficli sabiex tigbor dak li ntqal, dan kemm jekk l-istess malafama ssir bil-fomm, ahseb u ara meta ssir b'mezzi ta' pubblikazzjoni, fejn l-isfera ta' tixrid ta' l-istess malafama hija ferm ikbar, u ghalhekk il-ligi mponiet u anke ziedet l-istess somma *ai termini* tal-**artikolu 28 (1) tal-Kap 248,** ghal dak ta' Lm5,000 bl-**Att X tal-1996.**

Illi ghaldaqstant isegwi li dan l-artikolu kien tentattiv serju sabiex tigi attakkata serjament l-integrita` u r-reputazzjoni tal-attur, specjalment meta jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz u li l-allegazjonijiet saru fil-konfront tal-attur fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu.

Illi dan huwa aggravat mill-fatt li l-konvenuti setghu facilment ghamlu verifika tal-fatti minnhom allegati u ppublikati fil-konfront tal-attur, anke mieghu stess, izda din il-verifika semplici jidher li ma saritx.

Illi fl-ahharnett ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuti kienu rispettivament l-awtur tal-artikolu u l-editur tal-magazin in kwistjoni fid-data tal-pubblikazzjoni tal-istess.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, l-azzjoni attrici tirrizulta li hija ppruvata u ghalhekk gustifikata, u ssib l-artikolu indikat bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur ghaliex inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu u jesponih ghad-disprezz tal-pubbliku.

## III. LIKWIDAZZJONI.

Ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**Artikolu 28(1) tal-Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta' hames t'elef Lira Maltija (Lm5,000) (vide "**Ernest Tonna vs Felix Agius**" – Citazzjoni Numru 1755/97/RCP – 21 ta' April 1999) u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-gravita` tieghu kif premess il-Qorti tiffissa d-danni fl-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500).

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti flimkien immalafamaw lill-attur bl-artiklu bl-isem **For sale: Malta's Patrimony at Chambray.**

2. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ihallsu lill-attur, l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) li qed jigu likwidati minn dina l-Qorti ghal dan l-iskop ghat-tenur tal-**artikolu 28(1) Kap 248**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**24 ta' Jannar 2002**